MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 587/1999/1

**Carmelo, Josephine *sive* Jessie Mifsud mart Joseph, Marie Dolores mart Nazzareno Barbara, Joseph, Anthony, Mary *sive* Marthese mart John Vella, u Raymond, aħwa Aquilina**

***Versus***

**Carmela Ellul**

Din il-kawża hija dwar qsim ta’ wirt.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fid-9 t’Awissu 1978 mietet Maria Concetta Aquilina, omm l-atturi u l-ewwel mara ta’ Francesco Aquilina, li wara, fil-15 ta’ Diċembru 1979, iżżewweġ lil Liberata *née* Ellul. Il-wirt ta’ Maria Concetta Aquilina jgħaddi skond testment li għamlet flimkien ma’ żewġha Francesco fil-5 ta’ Mejju 1977, fl-atti tan-Nutar Raphael Darmanin. F’dak it-testment it-testaturi ħallew lil uliedhom, l-atturi, werrieta tal-ġid tagħhom kollu.

Francesco Aquilina, missier l-atturi, miet fid-19 ta' Settembru 1994; kien għamel testment ieħor, ukoll *unica charta*, mat-tieni mara tiegħu Liberata Aquilina fl-24 ta' Jannar 1989 fl-atti tan-Nutar Joseph Darmanin, u f'dan it-testment lil uliedu l-atturi ħallielhom il-leġittima li tmiss lilhom skond il-liġi. Fl-istess testment Francesco u t-testatriċi l-oħra, martu Liberata, ħallew lill-konvenuta Carmela Ellul bħala werrieta waħdanija tagħhom.

Fil-11 ta' Ġunju 1982 Francesco u Liberata Aquilina kienu għamlu kitba taż-żwieġ fl-atti tan-Nutar Raphael Darmanin u f'dik il-kitba kienu elenkaw il-beni ta' Francesco u dawk ta' Liberata.

B'testmenti magħmula wara, wieħed fl-1 ta' Frar 1996 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, u ieħor fit-13 ta' Settembru 1996 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar, Liberata Aquilina ħassret kull testment li għamlet qabel u ħatret lill-konvenuta Carmela Ellul bħala l-werrieta waħdanija tagħha.

Liberata Aquilina mietet fis-6 ta' Marzu 1997.

Billi l-atturi għalxejn sejħu lill-konvenuta biex isiru l-likwidazzjoni u l-qsim tal-wirt, u tħallashom il-leġittima, fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tordna l-likwidazzjoni tal-beni kemm tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Francesco Aquilina u l-ewwel mara tiegħu Maria Concetta, kif ukoll ta' l-assi partikolari tagħhom;
2. tordna l-likwidazzjoni tal-beni kemm tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Francesco Aquilina u t-tieni mara tiegħu Liberata, kif ukoll ta' l-assi partikolari tagħhom;
3. tordna illi l-beni tal-wirt ta' Maria Concetta Aquilina jiġu assenjati lill-atturi, u dawk tal-wirt ta' Liberata Aquilina jiġu assenjati lill-konvenuta;
4. tordna illi mill-beni tal-wirt ta' Francesco Aquilina tiġi likwidata u assenjata lill-atturi l-leġittima li tmiss lilhom skond il-liġi;
5. tikkundanna lill-konvenuta tassenja dik il-leġittima lill-atturi;
6. tordna li jinqasmu l-beni kollha fl-ishma li jmissu lill-atturi u lill-konvenuta, sabiex sehem jingħata lill-atturi u ieħor lill-konvenuta;
7. taħtar nutar biex jippubblika l-atti li jkunu meħtieġa għall-għanijiet tat-talbiet ta' qabel fil-jum, il-ħin u l-post li tgħid il-qorti;

8. taħtar kuraturi biex jidhru f'isem min ma jersaqx għall-pubblikazzjoni ta' l-att; u
9. fil-każ illi l-beni immobbli komuni ma jistgħux jinqasmu, tordna li jinbiegħu b'liċitazzjoni u jinqasam ir-rikavat skond l-ishma li jmissu lill-partijiet.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ippreżentat flimkien maċ-ċitazzjoni.

Il-konvenuta Carmela Ellul ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:
1. hi ma topponix għal-likwidazzjoni tal-beni skond l-ewwel erba' talbiet ta' l-atturi, sakemm tkun saret il-verifika tagħhom;
2. lanqas ma topponi għall-qsim u assenjazzjonijiet skond l-ishma tal-partijiet, kif iridu l-atturi fil-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet, b'dan illi, peress illi hija lesta li tieħu l-fond numru 121/122, Triq il-Karmnu, iż-Żurrieq, bħala s-sehem tagħha *in natura*, għandhom jitħarsu l-artt. 502[1] u 503[2] tal-Kodiċi Ċivili;
3. fid-dawl tat-tieni eċċezzjoni, il-bejgħ b'liċitazzjoni għandu jsir tal-beni l-oħra komuni, u mhux tal-fond imsemmi f'dik l-eċċezzjoni;
4. għalkemm kull parti għandha teħel sehem mill-ispejjeż skond is-sehem mill-wirt, il-konvenuta ma għandhiex teħel l-ispejjeż tal-mandat ta' inibizzjoni.

Wara li, b'dikriet tal-11 ta' Frar 2000[3], il-qorti stiednet lill-partijiet jagħtu tagħrif dwar l-assi tal-wirt, b'dikriet ieħor tal-11 t'April 2000[4] ħatret lill-A.I.Ċ. Albert Fenech sabiex jagħmel stima tal-beni immobbli, u l-perit irrelata fl-14 ta' Mejju 2001[5].

Minn din ix-xhieda ħareġ illi l-beni li jridu jinqasmu huma dawn:

**Wirt ta' Maria Concetta Aquilina**

---

1 **502.** Kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu tal-beni *in natura.*

2 **503.** Il-komproprjetarju li jkollu beni immobbli minnhom infishom vicini ghal xi whud mill-immobbli in komun li jkunu sejrin jinqasmu, jista' jitlob li dawk il-beni immobbli jigu assenjati lilu bi stima, iżda dan kemm-il darba jkun hemm immobbli ohra in komun li minnhom jista' jigi assenjat lil kull wiehed mill-komproprjetarji l-ohra sehem bejn wiehed u iehor ugwali.

3 *Fol.* 48.

4 *Fol.* 56.

5 *Foll.* 80 *et seqq.*

Maria Concetta Aquilina ma kellhiex beni parafernali; għalhekk fil-wirt tagħha hemm biss in-nofs tal-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u Francesco, li huma dawn:

| | |
|---|---|
| • il-fond numru 121, Triq il-Karmnu, Żurrieq, stmat li jiswa Lm2,000, u għalhekk sehem Maria Concetta huwa: | Lm 1,000.00 |
| • il-fond numru 122, Triq il-Karmnu, Żurrieq. L-atturi bħala werrieta biegħu is-sehem ta' Maria Concetta lil Francesco Aquilina, u għalhekk dan is-sehem daħal fil-komunjoni bejn Francesco u Liberata, u ma għadux fil-wirt ta' Maria Concetta. | |
| • Għalqa fi Sqaq Barċellona, iż-Żurrieq, tiswa Lm8,000, u għalhekk sehem Maria Concetta huwa: | Lm 4,000.00 |
| • Flus il-bank; l-atturi ġà ħadu sehemhom minn dawn il-flus, u għalhekk ma għadhomx fil-wirt. | |
| • Flus depożitati fi *British Savings Bonds*. Fi flus maltin dawn kienu jiswew Lm908.32, u sehem il-mejta jiġi: | Lm 454.16 |
| • Ħwejjeġ mobbli msemmija fil-para. 7 ta' l-elenku tal-beni ta' Francesco Aquilina fil-kitba taż-żwieġ tal-11 ta' Ġunju 1982 bejnu u Liberata Aquilina[6]. Ma hemmx stima ta' dawn il-beni | |
| • B'kollox, bla ma tqis il-ħwejjeġ mobbli: | Lm 5,454.16 |

Billi lil Maria Concetta Aquilina wirtuha wliedha l-atturi, dawn il-beni jmissu lilhom.

**Wirt ta' Francesco Aquilina**

Francesco Aquilina kellu l-istess sehem mill-komunjoni ma' l-ewwel mara tiegħu bħas-sehem tagħha, kellu beni parafernali tiegħu, u kellu wkoll sehem mill-komunjoni ma' Liberata, it-tieni mara tiegħu.

| | |
|---|---|
| • il-fond numru 121, Triq il-Karmnu, Żurrieq, stmat li jiswa Lm2,000, u għalhekk sehem Francesco huwa: | Lm 1,000.00 |
| • il-fond numru 122, Triq il-Karmnu, Żurrieq. Francesco għandu nofs ta' dan il-fond bħala | Lm15,000.00 |

6 *Foll.* 16 *et seq.*

| | |
|---|---|
| sehmu mill-komunjoni ma' Maria Concetta, u n-nofs l-ieħor huwa tal-komunjoni bejnu u Liberata, u għalhekk għandu n-nofs ta' dak in-nofs. B'kollox il-fond jiswa Lm20,000; Francesco għandu tliet partijiet minn erbgħa (¾) li jiswew: | |
| • Għalqa fi Sqaq Barċellona, iż-Żurrieq, tiswa Lm8,000, u għalhekk sehem Francesco huwa: | Lm 4,000.00 |
| • Flus il-bank; b'kollox kien hemm Lm3,669.33[7], li huma tal-komunjoni bejn Francesco u Liberata, u għalhekk sehem Francesco huwa: | Lm 1,834.67 |
| • Ħwejjeġ mobbli msemmija fil-para. 7 ta' l-elenku tal-beni ta' Francesco Aquilina fil-kitba taż-żwieġ tal-11 ta' Ġunju 1982 bejnu u Liberata Aquilina[8]. Ma hemmx stima ta' dawn il-beni. | |
| • Vettura tal-marka *FIAT Uno* li nbiegħet Lm1,300; din kienet tal-komunjoni bejn Francesco u Liberata, u għalhekk sehem Francesco huwa: | Lm 650.00 |
| • Parti waħda minn tmienja (⅛) tal-fondi numru 21 u 22 (jew 20 u 21) f'Misraħ 28 ta' April 1688, in-Nadur, Għawdex. Dan is-sehem huwa parafernali. Il-proprjetà sħiħa tiswa Lm17,500 u sehem Francesco huwa: | Lm 2,187.50 |
| • Biex inxtara mingħand l-atturi n-nofs tal-fond 122, Triq il-Karmnu, Żurrieq, il-komunjoni bejn Francesco u Liberata ssellfet Lm400 mingħand Liberata. Sehem Francesco min dan id-dejn huwa: | Lm (200.00) |
| • B'kollox, bla ma tqis il-ħwejjeġ mobbli: | Lm24,472.17 |

L-atturi għandhom il-leġittima u, billi huma aktar minn erbgħa, sehemhom huwa n-nofs tal-wirt, u għalhekk għandhom jieħdu b'kemm jiswew tnax-il elf, mitejn u sitta u tletin lira u disa' ċenteżmi (Lm12,236.09) mill-wirt ta' Francesco. Jekk ma' dawn iżżid il-wirt ta' Maria Concetta, li kien jiswa ħamest elef erba' mija u erbgħa u ħamsin lira u sittax-il ċenteżmu (Lm5,454.16), jiġi li mill-beni komuni l-

7 *Fol.* 54.

8 *Fol.* 15.

atturi għandhom jieħdu b'kemm jiswa sbatax-il elf sitt mija u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm17,690.25); il-bqija teħodhom il-konvenuta bħala werrieta kemm ta' Francesco kif ukoll ta' Liberata. Ladarba l-leġittima tinħadem fuq il-beni kollha tal-wirt, ma hux il-każ li jitqiesu d-dotarju u l-legat imħollija minn Francesco lil Liberata għall-għanijiet tal-qsim tal-wirt.

Il-pjan ta' qasma għalhekk irid isir b'mod illi lill-atturi jingħata dan il-valur.

Fadal li nqisu wkoll jekk il-konvenuta tistax tinqeda bil-jedd taħt l-art. 503 tal-Kodiċi Ċivili biex il-fond numru 121/122, Triq il-Karmnu, iż-Żurrieq jiġi assenjat lilha.

Biex il-konvenuta jkollha dan il-jedd, huma meħtieġa dawn il-kondizzjonijiet:

1. li jkollha beni immobbli minnhom infushom viċini tal-fond li trid li jkun assenjat lilha; u

2. li jkun hemm immobbli oħra in komun li minnhom jista' jiġi assenjat lill-atturi sehem li bejn wieħed u ieħor jiswa l-istess.

Il-konvenuta tgħid illi għandha proprjetà tagħha li tiġi quddiem il-fond 121/122, Triq il-Karmnu, iż-Żurrieq, mifruda minnu bi triq dejqa, iżda ma għamlitx il-prova illi l-jedd tagħha fuq dik il-proprjetà huwiex immobbli minnu nnifsu, skond l-art. 308 tal-Kodiċi Ċivili, jew immobbli minħabba l-ħaġa li magħha għandu x'jaqsam, skond l-art. 310. Madankollu l-atturi, b'nota tal-25 ta' Ġunju 2004[9], qalu illi jaqblu illi l-konvenuta tieħu l-fond numru 122 basta huma jieħdu r-remissa numru 121, ladarba, skond il-perit tekniku[10], iż-żewġ fondi jistgħu jinfirdu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi billi taħtar lill-A.I.Ċ. Albert Fenech sabiex jagħmel pjan ta' qasma tal-beni immobbli u tal-flus b'mod illi lill-atturi jingħata valur ta' sbatax-il elf sitt mija u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm17,690.25), b'dan illi r-remissa 121, Triq il-Karmnu, iż-Żurrieq, tiġi assenjata lis-sehem ta' l-atturi u l-fond 122, Triq il-Karmnu, iż-Żurrieq, jiġi assenjat lis-sehem tal-konvenuta, u b'dan ukoll illi, b'żjieda mal-valur ta' sbatax-il elf sitt mija u disgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm17,690.25), il-ħwejjeġ mobbli msemmija fil-

---

9 *Fol.* 154.

10 *Fol.* 139.

para. 7 ta’ l-elenku tal-beni ta’ Francesco Aquilina fil-kitba taż-żwieġ tal-11 ta’ Ġunju 1982 bejnu u Liberata Aquilina[11] jiġu assenjati lill-atturi u l-ħwejjeġ mobbli l-oħra (barra l-flus) jiġu assenjati lill-konvenuta.
Id-drittijiet tal-perit jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.
Il-kawża hija differita għas-16 ta’ Ġunju 2005 għall-eżami tal-pjan ta’ qasma.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[11] *Fol*. 15.